

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/735

tal-12 ta' Mejju 2022

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1200 sabiex jitmexxa 'l quddiem it-tmjem tal-mandat tal-President attwali tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea u biex titmexxa 'l quddiem il-ħatra tal-President li jmiss tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/79/PESK tat-22 ta' Jannar 2001 li tistabbilixxi l-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 2001/79/PESK, il-President tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea ("il-Kumitat Militari") għandu jinħatar mill-Kunsill fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Militari mlaqqa' fil-livell tal-Kapijiet tad-Difiża. Skont l-Artikolu 3(2) ta' dik id-Deċiżjoni, il-mandat tal-President tal-Kumitat Militari huwa ta' tliet snin, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor.
- (2) Permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/297 <sup>(2)</sup>, il-Kunsill ħatar lill-Ġeneral Claudio GRAZIANO bħala President tal-Kumitat Militari għal perijodu ta' tliet snin u nofs, mis-6 ta' Novembru 2018. Permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/1200 <sup>(3)</sup>, il-Kunsill estenda l-mandat tal-Ġeneral Claudio GRAZIANO bħala President tal-Kumitat Militari sal-31 ta' Mejju 2022.
- (3) Fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Mejju 2021, il-Kumitat Militari mlaqqa' fil-livell tal-Kapijiet tad-Difiża rakkomanda li l-Ġeneral Robert BRIEGER jinħatar President tal-Kumitat Militari, bħala s-suċċessur tal-Ġeneral Claudio GRAZIANO, għal perijodu ta' tliet snin.
- (4) Permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/1200, il-Kunsill ħatar lill-Ġeneral Robert BRIEGER President tal-Kumitat Militari mill-1 ta' Ġunju 2022 sal-31 ta' Mejju 2025.
- (5) Fil-25 ta' April 2022, il-Ġeneral Claudio GRAZIANO informa lill-Coreper li huwa għandu jieqaf mid-dmirijiet tiegħu bħala President tal-Kumitat Militari fil-15 ta' Mejju 2022.
- (6) Għalhekk jenħtieġ li t-tmjem tal-mandat tal-Ġeneral Claudio GRAZIANO bħala President tal-Kumitat Militari jitmexxa 'l quddiem għall-15 ta' Mejju 2022, u l-ħatra tal-Ġeneral Robert BRIEGER bħala President tal-Kumitat Militari jenħtieġ li titmexxa 'l quddiem għas-16 ta' Mejju 2022.
- (7) Għalhekk id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1200 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1200 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 1*

Il-mandat tal-Ġeneral Claudio GRAZIANO bħala President tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea huwa b'dan estiż sal-15 ta' Mejju 2022."

<sup>(1)</sup> ĠU L 27, 30.1.2001, p. 4.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/297 tal-20 ta' Frar 2018 li taħtar il-President tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 56, 28.2.2018, p. 33).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1200 tad-19 ta' Lulju 2021 li testendi l-mandat tal-President tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea u li taħtar il-President li jmiss tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 259, 21.7.2021, p. 6).

(2) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 2*

Il-General Robert BRIEGER huwa b'dan maħtur President tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea mis-16 ta' Meju 2022 sal-31 ta' Meju 2025.”.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-12 ta' Meju 2022.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
J.-Y. LE DRIAN

---